**FIL-PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 21 ta’ Marzu 2023**

**Rikors Revoka Nru. 104/2023 GM**

**Fl-atti tal-mandat ta’ sekwestru eżekuttiv numru 926/2019 fl-ismijiet:**

**L-Awtorita` għat-Trasport f’Malta**

**vs**

**Kirton & Co Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tat- 2 ta’ Frar 2023;

Rat ir-risposta tal-Awtorita’ tat-Trasport;

Ikkunsidrat :

Skont Art 281 tal-Kap 12 att eżekuttiv jista’ jiġi attakkat f’dik il-Qorti li tkun

ħarġitu. F' dan il-każ il-mandat ħarġitu l-Qorti tal-Maġistrati u għalhekk din il-Qorti m'għandhiex kompetenza titratta r-rikors.

Biex jingħad kollox, id-depożitu mhux pagament imma offerta għall-ħlas u għalhekk ma jkunx għadda fil-patrimonju tal-kredituri sakemm ma jiġix żbankat.

Għaldaqstant tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-rikors.

MOQRIJA

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA